# BORMLA FIL-GWERRA

Bormla fi zmien il-Gwerra. Dwar dak li se nikteb, bosta anzjani jghidu zgur, b'ghajnejhom imbexxqa huma u jtellghu u jnizzlu rashom, "Kemm hu veru, dan!" Ghalhekk nindirizza ruhi izjed lejn iz-zghazagh, li l-kelma gwerra jafu biss biha ghax jaqraw fuq il-gurnali u jaraw fit-televizjoni, u li ssir band'ohra. Ahna hawn ghexnieha.

Ghalkemm li ghandhom l-ezempju ferm ikrah u tal-bizgha- dak attwali, tal-Jugoslavja, jew dik li kienet Jugoslavja. Rajna sahansitra nies jaqtghu l-irjus ta' l-ghadu taghhom, li ftit xhur ilu kien huhom l-ghaziz!

Bormla fi zmien il-gwerra: dezert, bini mwaqqa', nies hadd. Monotonija, dizastru. Bosta miz-zghazagh ta' llum ma jafux xi tfisser li minn toroq ma kontx tista' tghaddi' minhabba l-muntanji ta'gebel u travi li kien ikun hemm, dak li malajr drajna nsejhulu debris. Hsara, hsara biss.



*Ezempju tal-herba li garrbet Bormla fil-gwerra. Iz-zghazagh ta' Illum lanqas jimmaginaw minn x'hiex ghaddejna f'dawk iz-zminijiet koroh*

Jien fl-1944 inzilt noqoghod f'Good Day, illum Matty Grima. Quddiem fejn hemm id-Domus illum, kien hemm gholja ta' gebel u tifrik li damet sewwa wara l-1944. Bosta nies li bdew jaraw il-gwerra titbieghed minn fuq rasna, li kienu nizlu joqoghgu lura fid-djar li kienu hallew, u li kienu ghadhom shah, li kienu joqoghdu 'l fuq, Santa Margerita, biex iqassru, kienu jinzlu minn Good Day Street, u jkollhom jitilghu fuq dak il-borg gebel gholi u mzerzaq, u jaslu hdejja, biex jinzlu triq Santa Tereza.

Mhux darba u tnejn, meta taghmel imqar l-icken raxxa xita, kien dak it-trab u gebel isir jizloq, u spiss kien ikun hemm min wegga' sewwa. Niftakar lill-kunjata, Alla jtiha l-Genna. Gwanna, mhux darba u tnejn harget bil-flixkun tal-jodju u t-tajjar iddewwi lil xi hadd li jkun zelaq, u gieli ukoll kienet ittihom xi faxxa halli jorbtu l-ferita.

**Kif jistghu jimmaginaw, iz-zghazagh taghna, hames snin dlam cappa, il-blackout, lanqas solforina ma kont tista' tixghel barra t-triq, ghax jarrestawk. u allahares jidhirlek dawl minn barra, anke tal-lampi tal-petrolju, ahseb u ara ta' l-elettriku.**

Minn Bormla centru tal-kummerc, mhux biss ghall-Kottonera, izda anke ghal Rahal Gdid u Haz-Zabbar, Bormla saret bahh. Niftakar kien baqa' hanut, ta Felic, li kien issajjar xi haga, billi kien idabbar, bit-tbatija u n-nies tat-tarzna li

kienu johorgu f'nofsinhar kienu jsibuh anglu, sakemm imsejken kien ferut f'wiehed mill-attakki tal-Germanizi. Censu Cannavo, il-barbier ukoll kien baqa; safejn niftakar. F'dak il-bahh, li meta timxi kont tisma' l-passi tieghek idamdmu mal-hitan tat-toroq dezerti.

Xi nies li ma kienux evakwaw ruhhom, hargu barra s-swar, u haffru xelters fil-blat; kien hemm, kemm fil-foss ta' taht il-Cafe' Riche, u kemm fl-iehor, fejn qabel kien jintram s-suq ta' nhar ta' Tlieta.

Bosta Bormlizi, huna u diehlin t-tarzna, kienu jaraw dik il-herba kollha- u dak il-kwadru mpitter li hemm fis-sagristija jurina l-herba li kien hemm taht il-knisja Parrokjali- u kienu jaraw dawk l-attakki horox, fuq it-tarzna, u Bormla kienet target tassew qrib, kienu jharsu lejn il-knisja tal-Madonna, u jekk ma jghidux, izda kienu jhossu go fihom, "Min jaf ghadx nergghu nidhlu fiha, min jaf ghadx imiss lilha, li tintlaqat!"



*Il-Vara tal-Kuncizzjoni ghaddejja minn triq San Gorg wara l-gwerra.*

Ighidu nies li kienu baqghu Bormla, li wiehed mill mirakli li twettqu biex il-knisja baqghet bla mtiefsa, kienu tliet bombi, katenati, li ghaddew minn quddiem il-fonti spizju u hadu isfel, fejn kienet l-istatwa ta Sant' Andrija.

Izda nizlu bombi ohra li gew qrib u l-Madonna riedet li t-tempju tagha jibqa' wieqaf. Thezzet iva, waqghet le il-Knisja taghna!

Ghal erba' snin, il-festa ma saritx, imbghad wasal il-jum tad-19 ta' Novembru, 1944, meta l-Alleati bdew dejjem jimbuttaw lill-Germanizi 'il fuq lejn in-Nord ta' l-Italja wara li nvadew Sqallija, u rajna l-migja lura ta' l-Istatwa u s-Santwarju gejjin lura lejn posthom, hemm, fil-knisja, fejn wara zmien rifugjati f'Birirkara, il-Bormlizi setghu jgawduhom u jqimuhom fejn kien jixiriqlhom, fejn hu posthom.

Kienet festa ghal Malta kollha; jiena ma nafx kif, ilhaqt post, flimkien mal-mara, fil-gallerija tal-kazin San Gorg, li kien ghadu, wieqaf, fejn kien, magenb ir-Rialto. Rajt nies li kont nafhom jahdmu mieghi t-tarzna, minn Malta kollha dak inhar.

Bl-entuzjazmu li hassejna dak inhar, insejna t-tbatija kollha li kellna ngarrbu matul il-gwerra: il-guh, il-hakk (scabies) il-bizgha kemm ahna u sejrin u kemm gejjin mix-xoghol, u kemm attwalment waqt ix-xoghol fit-tarzna, target ewlieni ghal li Stukas..

Biex naghti stampa sewwa tal-qirda li kellna f'Bormla, nghid li minn ghalija, f'Bormla nqerdu 40 fil-mija mid-djar abitabbli. Il-bosta Bormlizi li marru joqoghdu band'ohra fil-gwerra, u baqghu hemmhekk, li



*Il-kwadru tal-kor hareg mill-Bazilika ta' B'Kara nhar id-19 ta' Novembru 1944 fis-1.15 p. m. fi triqtu lejn Bormla.*

naraw, kemm filghodu fil-festa (ghall-panigierku) u filghaxija ghal-processjoni, ifakkruna kemm nies kellhom jitilqu jigru minn djarhom f'Bormla, f'certi kazi ta' fuqhom send-uqhhom', li ghadhom migbuda, ghad-hom ihobbu l-festa, u jgawdu n-nostalgija, wara dawk is-snin kollha.

Fil-festa, s-sena l-ohra, ilmaht anzjan Bormliz filghodu meta spiccat il-Quddie-sa Solenni, ifiehem anzjan iehor, bhalu, id-diversi djar u statwi li kien jaf qabel il-qirda tal-gwerra.

"Hawn kienet l-istatwa ta Sant' Andrija, ara; hemm kien Spiru tal-Beccun, hemm kien li Store ta' Call-eja, hemm Toni ta' Santu, hemm Leli tal-Laham. U qghadt nitpaxxa nisimghu. Nostalgija!



*Il-Vara tal-Kuncizzjoni fit-tarf ta' Fler-de-lyo fil-Pellegrinagg storiku tad-19 ta' Novembru 1944.*

Il-festa t-tajba minn qalbi lil kulhadd

*Charles Clews.*

PRIME BUTCHER
AXIAQ BROS.




34, St. Georges Str. Cospicua
Tel: 781151